31974R2380

20.9.1974 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 255/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2380/74

tas-17 ta' Settembru 1974

li jadotta dispożizzjonijiet għat-tixrid tat-tagħrif li għandu x'jaqsam mal-programmi ta' riċerka għall-Komunità Ekonomika Ewropea

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew,

Billi, sabiex jgħin biex jinkisbu l-għanijiet elenkati fl-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat, il-Kunsill adotta programmi ta' riċerka għall-Komunità Ewropea fl-14 ta' Mejju 1973 u fit-18 ta' Ġunju 1973 skond il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 235 tat-Trattat;

Billi l-Kunsill irriserva d-dritt illi jiddefinixxi fi stadju iktar tard id-dispożizzjonijiet għat-tixrid tat-tagħrif li jirriżulta mit-twettiq ta' dawn il-programmi;

Billi, għalhekk, huwa meħtieġ illi jiġu ddefiniti dawn id-dispożizzjonijiet;

Billi t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea ma għamel l-ebda dispożizzjoni dwar il-poteri meħtieġa għal dawn il-għanijiet,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Dan ir-Regolament għandu japplika għat-tagħrif u l-invenzjonijiet, sewwa jekk ikunu jistgħu jiġu ppatentjati u sewwa jekk le, li jirriżultaw mit-twettiq tal-programmi tar-riċerka għall-Komunità Ekonomika Ewropea adottati permezz tad-deċiżjonijiet li ġejjin:

(a) id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 73/125/KEE [1] ta' l-14 ta' Mejju 1973 li tadotta programm ta' riċerka fil-qasam ta' l-istandards u s-sustanzi ta' referenza (sustanzi ta' referenza attestati);

(b) id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 73/126/KEE [1] ta' l-14 ta' Mejju 1973 li tadotta programm ta' riċerka dwar il-protezzjoni ta' l-ambjent;

(ċ) id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 73/127/KEE [1] ta' l-14 ta' Mejju 1973 li tadotta programm ta' riċerka fil-qasam tat-*teledetection* tar-riżorsi tad-dinja;

(d) id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 73/174/KEE [2] tat-18 ta' Ġunju 1973 li tadotta programm ta' riċerka dwar il-protezzjoni ta' l-ambjent (proġett dirett);

(e) id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 73/175/KEE [2] tat-18 ta' Ġunju 1973 li tadotta programm ta' riċerka fil-qasam ta' l-istandards u s-sustanzi ta' referenza (sustanzi ta' referenza attestati);

(f) id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 73/176/KEE [2] tat-18 ta' Ġunju 1973 li tadotta programm ta' riċerka fit-teknoloġiji l-ġodda (l-użu ta' enerġija tax-xemx u r-riċiklaġġ tal-materji prima);

(g) id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 73/179/KEE [2] tat-18 ta' Ġunju 1973 li tadotta programm ta' riċerka fil-qasam tas-sustanzi u l-metodi ta' referenza (il-Bureau Komunitarju tar-Referenza);

(h) id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 73/180/KEE [2] tat-18 ta' Ġunju 1973 li tadotta programm ta' riċerka dwar il-protezzjoni ta' l-ambjent (proġett indirett).

L-Artikolu 2

It-tagħrif u l-invenzjonijiet riferiti fl-Artikolu 1 għandhom ikunu proprjetà tal-Komunità.

Il-Kummissjoni għandha, fejn xieraq, tiżgura l-protezzjoni ta' dawn l-invenzjonijiet f'isem il-Komunità.

L-Artikolu 3

Ir-regoli li jistabbilixxu l-proprjetà f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-invenzjonijiet, sewwa jekk ikunu jistgħu jiġu ppatentjati u sewwa jekk le, li jirriżultaw mir-riċerka jew mix-xogħol magħmula b'kuntratt, għandhom jiġu stabbiliti f'kull kuntratt.

[1] ĠU L 153, tad-9.6.1973.

[2] ĠU L 189, tal-11.7.1973.

Meta dawn l-invenzjonijiet jappartjienu lill-kuntrattur, il-Komunità għandha tikseb id-dritt liberu li tużahom għall-ħtiġiet tagħha.

Il-kuntrattur għandu jkun meħtieġ illi jisfrutta l-invenzjonijiet li jappartienu lilu jew jara li jiġu sfruttati b'kondizzjonijiet li huma skond l-interessi Komunitarji u f'perjodu taż-żmien li jrid jiġi stabbilit fil-kuntratt.

Il-Kummissjoni għandha tkun intitolata li tagħti subliċenzji, skond il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6 u 7 meta l-kuntrattur, mingħajr raġuni leġittima, jonqos milli jwettaq l-obbligu tiegħu li jisfrutta dawn l-invenzjonijiet jew li jara li jiġu sfruttati.

L-Artikolu 4

Il-Kummissjoni għandha tittrasmetti t-tagħrif riferit fl-Artikolu 1 fil-pront kemm jista' jkun lill-Istati Membri kif ukoll lill-persuni u lill-impriżi li jsegwu fit-territorju ta' Stat Membru, riċerka jew attività tal-produzzjoni li jiġġustifikaw l-aċċess għal dan it-tagħrif. Il-Kummissjoni tista' tikkomunika dan it-tagħrif bil-kondizzjoni li dan jibqa' kunfidenzjali u ma jiġix imgħoddi lil persuni terzi.

L-Artikolu 5

It-tagħrif li ma tistax jintuża fl-industrija u li n-natura tiegħi ma jiġġustifikax li jiġi ristrett la għall-Istati Membri u lanqas għall-persuni jew l-impriżi msemmija fl-Artikolu 4, għandu jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni.

L-Artikolu 6

L-Istati Membri għandhom ikunu intitolati li jiksbu liċenzja mill-Kummissjoni rigward l-invenzjonijiet, sewwa jekk ikunu jistgħu jiġu ppatentjati u sewwa jekk le, li jappartienu lill-Komunità. L-istess għandu japplika għall-persuni u għall-impriżi li jsegwu, fit-territorju ta' Stat Membru, riċerka jew attività tal-produzzjoni li jiġġustifikaw il-għoti ta' din il-liċenzja.

Il-għoti ta' liċenzja jista' jiġi rrifjutat meta l-applikant ma jindaħalx li jiffabbrika b'mod effettiv fil-Komunità.

Il-Kummissjoni għandha tagħti subliċenzji bl-istess kondizzjonijiet, meta r-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 3 jintitolaha li tagħmel dawn il-għotjiet.

Il-Kummissjoni għandha tagħti dawn il-liċenzji jew subliċenzji fuq kondizzjonijiet li jridu jiġu miftiehma ma' dawk li għandhom liċenzja u għandha tforni t-tagħrif kollu li hija intitolata li tforni u li huwa meħtieġ għall-isfruttament tagħhom. Dawn il-kondizzjonijiet għandu jkollhom x'jaqsmu, b'mod partikolari, ma' kumpens adegwat u, fejn xieraq, mad-dritt ta' min għandu l-liċenzja li jagħti subliċenzji lil partijiet terzi u l-obbligu li t-tagħrif jiġi ttrattat bħala sigriet kummerċjali.

Fin-nuqqas ta' ftehim dwar il-kondizzjonijiet riferiti fir-raba' paragrafu, il-persuni li għandhom il-liċenzja jistgħu jġibu l-materja quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej sabiex ikunu jistgħu jiġu stabbiliti l-kondizzjonijiet xierqa.

L-Artikolu 7

Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-offerti għall-għoti ta' liċenzji mhux esklussivi bil-mezzi kollha approprjati.

Jekk dawn l-offerti ma jwasslux għall-applikazzjonijiet għall-liċenzji, il-Kummissjoni għandha tippubblikhom fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*. Jekk, fi żmien sitt xhur minn din il-pubblikazzjoni, ma ssir l-ebda applikazzjoni, il-Kummissjoni tista' toffri u tagħti liċenzji esklussivi għal perjodu taż-żmien ta' mhux aktar minn ħames snin.

Is-subliċenzji mogħtija mill-Kummissjoni skond ir-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 3 għandhom ikunu bla ħsara għall-istess kondizzjonijiet. Madankollu, il-pussessur ta' subliċenzja esklussiva m'għandux jopponi l-isfruttament ta' l-invenzjoni mill-proprjetarju u l-proprjetarju m'għandux jagħti liċenzji iktar matul l-iskond tal-validità tas-subliċenzja esklussiva.

L-Artikolu 8

It-tagħrif u l-invenzjonijiet li l-Kummissjoni għandha dritt tforni u li għalihom japplika dan ir-Regolament jistgħu jiġu ttrasferiti jew skambjati fil-qafas tal-ftehimijiet jew tal-konvenzjonijiet ma' pajjiż terz jew organizzazzjoni internazzjonali, skond il-kondizzjonijiet ta' l-Artikolu 228 tat-Trattat.

L-Artikolu 9

Meta tkun qiegħda tikkonkludi l-kuntratti meħtieġa, il-Kummissjoni għandha tiżgura l-konformità ma' dan ir-Regolament billi tinkludi klawsoli approprjati.

L-Artikolu 10

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Settembru 1974.

Għall-Kunsill

Il-President

J. SAUVAGNARGUES